

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-16 ta' Ġunju 2016 (Każ R 480/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn FTI Touristik u H. Prantner u D. Giersch.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) FTI Touristik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 383, 17.10.2016.

## Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tad-29 ta' Novembru 2017 – Bilde vs Il-Parlament

(Kawża T-633/16) <sup>(1)</sup>

*("Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew — Allowance għal assistenza parlamentari — Irkupru ta' somom imħallsa indebitament — Kompetenza tas-Segretarju Ĝeneralis — Electa una via — Drittijiet tad-difiża — Oneru tal-prova — Obbligu ta' motivazzjoni — Aspettattivi leggħiġi — Drittijiet politiċi — Ugwaljanza fit-trattament — Użu ħażin ta' poter — Indipendenza tal-Membri — Żball ta' fatt — Proporzjonalità")*

(2018/C 022/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Dominique Bilde (Lagarde, Franza) (rappreżentant: G. Sauveur, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: G. Corstens u S. Seyr, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer, R. Meyer u A. Jensen, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ĝeneralis tal-Parlament tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar l-irkupru mingħand ir-rikorrenti ta' somma ta' EUR 40 320 imħallsa indebitament bħala assistenza parlementari, tan-notifika u tal-miżuri ta' eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni li jinsabu fl-ittri tad-Direttur Ĝeneralis tad-Direttorat Ĝeneralis tal-Finanzi tal-Parlament tat-30 ta' Ġunju u tas-6 ta' Lulju 2016 kif ukoll tan-nota ta' debitu relatata tad-29 ta' Ġunju 2016 u, min-naħħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex tikseb kumpens tad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba, b'mod partikolari, l-imsemmija deċiżjoni.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dominique Bilde għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Parlament Ewropew.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 383, 17.10.2016.